# 425

Hawn sikta kbira, ħadd ma jitniffes
Ħlief iż-żgħira għasfura fil-bejta
Waqt li tisħet dan l-ambjent imniġġes,
Tisħet dawn l-erba' ħitan mejta.

Twieqi miftuħin, bibien magħluqa,
Iż-żiffa tilgħab mal-purtieri.
Għagħa, tisbit u storbju minn barra;
Antitesi tas-skiet t'hawn ġewwa.

Is-siġġu Sultan tal-Apatija
U l-imħażża mejda tgħir għall-bord;
Il-moffa titbissem sewdenija
Għax rebħet ħitan morda-mdardrin.

Dalwaqt nismagħhom ġejjin, imdejqin
Dalwaqt igerger, fuq kif lebsin.
Dalwaqt idoqqu, stunati s-sagħtejn
Dalwaqt das-skiet, jispiċċa fix-xejn.

*Jonathan Xuereb*

# L-Ilma tal-Għajn

Ibħra w għadajjar,
Oċeani u xmajjar
ta' ilma li jfawwar u jġelben u jserrep fiddien

Riflessi f'did-demgħa
Li fid-dawl ta' xemgħa
titgerbeb u tikwi daqs l-aħrax nirien.

Għax jiena w is-sema
qed nibku
flimkien
.

*Jonathan Xuereb*